MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 323/2012

**L-Avukat Janos Jako**
**bhala socju tad-ditta legali**
**Holczer, Jako es Boross Ugyvedi iroda (284597 DA)**
**Vs**
**Gulf Finance Ltd (C-28299)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur qed jitlob is-somma ta' erba' t'elef u hames mitt Dollaru Amerikan (USD 4,500) ekwivalenti ghal tlett elef, tlett mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€3,398.51) skont ir-rata ta' €1=USD1.32411 (Interbank rate +/- 0%) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess skont *Mandate Agreement* datat 28 ta' Mejju, 2011 anness u mmarkat bhala Dok A, liema ftehim ghadu vigenti bejn il-partijiet; minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi, inkluz permezz tal-ittra bonarja datata 24 ta' Frar, 2012 (Dok B), is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi annessi

mal-affidavit tal-attur (prezentati bhala DokJJ2 mal-affidavit tal-attur li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz) sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mill-ligi; bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta ingunta in subizzjoni inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz; ghal kull buon fini jigi ddikjarat illi din it-talba qeghda ssir minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe ammonti ohra li saru dovuti jew li ghad jistghu jsiru dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-attur ai termini tal-ftehim fuq imsemmi, mid-data tal-ittra legali tal-24 ta' Frar, 2012 'l quddiem.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-28 ta' Mejju, 2012 mill-Avukat Antoine Naudi w l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' t'elef u hames mitt Dollaru Amerikan (USD 4,500) ekwivalenti ghal tlett elef, tlett mija u tmeinja u disghin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€3,398.51) skont ir-rata ta' €1=USD1.32411 (Interbank rate +/- 0%) u dan bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------